Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 40/2012AE

**Malta Planning & Design Consultants Limited**

**Vs**

**Claudio Sant**

Il-Gimgha, 5 ta' Frar 2016.

B'rikors prezentat fis-27 ta' Jannar 2012, is-socjeta konvenuta talbet li l-konvenut jigi ikkundannat ihallasha s-somma ta' hamest elef hames mija u tmenin Euro u sebgha u tmenin centezmi (€5,580.87) rapprezentanti l-onorarju lilha dovut ghal servizzi professjonali rezi minnha fuq inkarigu u a beneficcju tieghu fir-rigward ta' l-izvilupp ta' porzjoni diviza ta' art fi Triq il-Wied kantuniera ma' Triq Frangisk Mangion, Mosta.

Il-konvenut wiegeb li: (i) huwa digà hallas lis-socjetà attrici a saldu tas-servizzi kollha rezi minnha fir-rigward ta' l-izvilupp tal-plot imsemmi minnha u dan kif jirrizulta mill-ittra datata 22 ta' Lulju 2011, annessa mar- Risposta bhala Dok. "A", u l-pagamenti relattivi; (ii) is-socjetà attrici ghandha tiggustifika l-ammonti minnha mitluba anki fid-dawl tal-fatt li l-ammonti mitluba ma jikkombacux mal-fatturi mahruga minnha precedentement, kopja ta' liema giet annessa mar-Risposta bhala Dok. "B" u Dok. "C"; (iii) is-servizz moghti mis-socjetà attrici kien karenti, b'nuqqas ta' hila u mimli zbalji, kif inhuma wkoll mimlija zbalji l- fatturi Dok. "B" u Dok. "C", liema zbalji fis-servizz moghti mis-socjetà attrici wasslu ghal diversi danni li huwa sofra u ghadu qed isofri u li taghhom ghandu jigi rizarcit mis-socjetà attrici; u li (iv) l-imghaxijiet fi transazzjonijiet mhux kummercjali qatt ma jiddekorru mid-data li fiha gew kompletati s-servizzi u ghaldaqstant it-talba ghall-hlas ta' l-imghaxijiet kif impostata hija legalment insostenibbli;

B'sentenza tas-6 ta' Ottubru 2014 l-ewwel qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni cahdet it-talba tas-socjeta attrici.

Is-socjeta attrici appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:-

i. Il-gurisprudenza li applikat l-ewwel qorti. L-attrici ssostni li l-qorti messha applikat dak li qalet din il-qorti fil-kawza Peter Attard vs Lawrence Fino et, 28 ta' Marzu 2008.
ii. Wara li kienu sar il-hlas, kienu saru laqghat biex il-partijiet jittransigu l-kwistjonijiet reciproci ta' xulxin.

Il-konvenut ipprezenta twegiba fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell kellu jigi michud. L-argument principali taghha hu li meta l-attrici ddepozitat ic-cekk f'kont bankarju, giet li accettat il-pagament bil-kundizzjoni marbuta mieghu. La sarrfitu kienet sodisfatta.

L-ewwel eccezzjoni taqra:-

*"(1) Illi l-eccipjenti diga' hallas lis-socjeta rikorrenti ghas-saldu tas-servizzi kollha rezi minnha fir-rigward tal-izvilupp tal-plot imsemmi minnha u dan kif jirrizulta mill-ittra annessa tat-22 ta' Lulju 2001 (Dok A) u l-pagamenti relattivi".*

Permezz ta' ittra datata 22 ta' Lulju 2011 il-konvenut baghat cekk lill-attrici, fis-somma ta' €1,900. Fl-ittra jinghad li l-hlas hu:

*"Pagament ahhari u finali ghax-xoghol kollu li sar min-naha tieghek fir-rigward tal-plot tieghi".*

Spjega wkoll li fil-kontijiet hemm zbalji u li wehel spejjez zejda ghaliex kien tqatta' blat iktar milli suppost. Ilmenta li dan fisser spejjez zejda fl-ammont ta' €6,150.15.

Min-naha l-ohra l-attrici wiegbet permezz ta' ittra datata 27 ta' Lulju 2011 (fol. 28) fejn wiegbet ghall-ittra tat-22 ta' Lulju 2011 u nfurmat lill-konvenut li:

i. Kien hemm zball fir-rigward ta' Bill 1 u Bill 2.
ii. Dwar il-qtugh tal-blat, l-istruzzjonijiet li nghataw kienu li *".... jsir qtugh ta' blat ta' zewg filati biss minn taht il-livell tat-triq fuq in-naha ta' isfel. Meta il-kuntrattur li gibt int, qatta' iktar milli ndikajnilu, wissejnieh biex ma jkomplix u fil-fatt waqaf. Ghaldaqstant nichad b'mod kategoriku li jien tajt jew xi haddiehor mill-ufficcju tieghi ta struzzjonijiet biex jitqatta iktar minn zewg filati".* Il-konkluzjoni tal-ittra hi li l-hlas ta' €1,900 gie accettat akkont tal-ewwel kont u li kienet qeghda tirrizerva d-dritt taghha li tiehu passi skond il-ligi.

Irrizulta wkoll li fis-27 ta' Lulju 2011 ic-cekk ta' €1,900 gie depozitat fil-kont li l-attrici ghandha mal-Bank of Valletta plc (fol. 24).

L-ewwel qorti kkonkludiet li gialadarba s-socjeta attrici kienet taf li l-konvenut kien qieghed jikkontesta l-kwalita' tas-servizz li tat l-attrici u kienet qeghda tikkontesta l-kontijiet, *"..... qatt ma setghet unilateralment tbiddel il-modalita' tal-pagament offert minn wiehed a saldu ghal wiehed akkont u konsegwentement taccetta l-istess akkont ta' l-ammont minnha pretiz. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-ghazla li kellha kienet wahda minn tnejn: jew taccetta dak il-pagament bil-kondizzjoni marbuta mieghu jew li tirrifjuta l-pagament hekk offert".* F'dan ir-rigward ghamlet riferenza ghas-sentenza tal-

Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawza **Peter Vella de Fremeaux et vs Eagle Star (Malta) Limited** tad-9 ta' Novembru 2012 fejn intqal:

*"32. Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tirriafferma l-principju enuncjat mill-Qorti tal-Appell [sede kummercjali], li l-kreditur m'ghandux dritt ibiddel unilateralment il-modalita` ta' pagament offrut lilu mid-debitur; u ghalhekk mhuwiex legalment konsentit li, min jaccetta pagament kondizzjonat bi kliem li inekwivokabbilment jfissru li dak il-pagament kien qed jigi effettwat ghas-saldu, ibiddel il-modalita` ta' dak il-pagament.*

*……. meta kienet ghaddejja bejn il-partijiet il-vertenza dwar il-quantum tal-maturity value tal-poloz, il-fatt li s-socjetajiet appellanti ghamlu offerta lill-atturi billi baghtu cheques bhala pagamenti "in full and final settlement", l-atturi kellhom ghazla: jew li jaccettaw dawk il-pagamenti bil-kundizzjoni marbuta maghhom, u b'hekk tigi rizolta l-vertenza, jew inkella jirrifjutaw il-pagamenti; izda zgur li legalment ma setghux, ibiddlu unilateralment il-modalita` tal-pagamenti offruti lilhom, u minn pagamenti ghas-saldu jiddikjaraw li qed jaccettawhom bhala pagamenti akkont tal-ammont pretiz minnhom. Huwa ghalhekk irrilevanti l-fatt li qabel ma l-atturi accettaw il-pagamenti mibghuta lilhom dawn ghamluha cara, kemm b'ittra mibghuta lis-socjetajiet konvenuta, kif ukoll bi protest gudizzjarju, li huma kienu ser jaccettawhom minghajr pregudizzju ghall-ammont bilancjali pretiz minnhom…. filwaqt li s-socjetajiet konvenuti, bhala debituri, kellhom dritt li jaghmlu l-offerta taghhom kif ghamluha, ma kienx konsentit ghall-atturi, bhala kredituri, li jaccettaw l-offerta b'kondizzjonijiet differenti minn dawk kontenuti fl-offerta. Huma kellhom jaghzlu, jew jaccettaw l-offerta maghmula jew jirrifjutawha".*

L-ewwel qorti ma qablitx mal-insenjament ta' din il-qorti fil-kawza **Peter Attard vs Lawrence Fino et** tat-28 ta' Marzu 2008, fejn intqal:

*"Kif taraha din il-Qorti, f'kaz fejn id-debitur ma jkunx hallas dak kollu pretiz mill-kreditur tieghu, il-liberazzjoni tieghu mill-pretensjoni dedotta fil-konfront tieghu tista', ghal fatt ta' dik id-dikjarazzjoni ghas-saldu, tissusisti jekk mic-cirkostanzi li fiha sar il-hlas tigi dezunta l-espressjoni tal-volonta tal-kreditur li huwa qed jirrinunzja ghall-kumplament. Rinunzja din, li kif enuncjat f'bosta sentenzi, trid tkun wahda cara w univoka b'mod li mill-fatti ma tkunx tista' tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja"*[1].

L-attrici argumentat li fil-kaz in ezami:

i. Ma hargitx ricevuta li s-somma ta' €1,900 kienet ghas-saldu;
ii. Fl-ittra tas-27 ta' Lulju 2011, l-attrici kienet ghamlitha cara li c-cekk kien gie depozitat il-bank bhala akkont tal-ewwel akkont;
iii. L-attrici sejhet lill-konvenut biex ihallas permezz ta' ittra legali tal-10 ta' Awissu 2011;

[1] Ara wkoll sentenza tal-istess qorti, **Johann Schembri proprio et nomine vs Charlot Mifsud nomine** (19 ta' Ottubru 2005).

iv. Wara l-ittra, fid-9 ta' Novembru 2011 giet prezentata ittra ufficjali;
v. Wara li ssarraf ic-cekk, kienu saru laqghet bil-ghan li tinstab soluzzjoni;

Hu minnu li:-

i. Fis-27 ta' Lulju 2011 l-attrici ddepozitat ic-cekk f'kont bankarju taghha.
ii. Dakinhar stess l-attrici baghtet ittra lill-konvenut fejn infurmatu li l-hlas ta' €1,900 kien qieghed jigi accettat bhala hlas akkont tal-ewwel kont u kkonkludiet l-ittra bil-kliem: *"F'dan l-istadju qieghed nirrizerva d-dritt li niehu passi skond il-ligi"*.

Fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, din il-qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel qorti. Skond il-kontijiet li harget l-attrici, kienet qeghda tippretendi hlas ta' €7,480.87 ghas-servizzi li tat lill-konvenut. Fl-ittra tat-22 ta' Lulju 2011 il-konvenut argumenta li kien hemm zball ta' kalkolu fiz-zewg kontijiet u ghalhekk it-total kellu jkun ta' €4,652.99. Zied ukoll li kien sofra danni fl-ammont ta' €6,150.15[2]. Madankollu l-konvenut xorta baghat hlas ta' €1,900 bil-kundizzjoni li kien, *"…. pagament ahhari u finali ghax-xoghol kollu li sar min-naha tieghek fir-rigward tal-plot tieghi"*. Ghalhekk hu evidenti li l-hlas ta' €1,900 kienet offerta ghal kompromess fir-rigward tal-pretensjonijiet li l-kontendenti kellhom fil-konfront ta' xulxin. F'dan ix-xenarju l-attrici kellha zewg ghazliet, jew taccetta l-offerta u l-kwistjoni tispicca jew tirrifjuta l-hlas. Ladarba ddepozitat ic-cekk ifisser li s-socjeta attrici accettat l-offerta. L-attrici ma kellhiex dritt li tvarja l-kundizzjoni tal-offerta, billi ssarraf ic-cekk u fl-istess waqt tiddikjara li l-hlas inzamm akkont tal-hlas dovut lilha. Hu minnu li l-perit Stephen Farrugia, direttur tas-socjeta attrici, xehed li wara li ssarraf ic-cekk, kienu saru laqghat mal-konvenut bil-ghan li tinstab soluzzjoni. Pero' irrispettivament ta' dak li gara wara s-27 ta' Lulju 2011, meta l-attrici sarrfet ic-cekk giet li accettat l-offerta maghmula mill-konvenut fl-ittra tat-22 ta' Lulju 2011 u dan irrispettivament ta x'setghet kienet l-intenzjoni taghha.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

Anthony Ellul.

---

[2] *"Madankollu, jien nixtieq nuri d-dizappunt kbir li ghandi fir-rigward tas-servizz li nghatajt specjalment minhabba 'l fatt li sofrejt hrug ta' hafna flus u dewmien zejjed wara l-istruzzjonijiet li tajt inti biex jitqatta' hafna blat meta rrizulta li dan ma kienx hemm ghalfejn. Jien wehilt EUR3900 ghal dan it-tqattiegh ta' xejn u wehilt ukoll EUR250 biex dak il-blat li tqatta ghalxejn jerga jimtela' bir-radam. B'zieda ma' dawn wehilt EUR1674.15 biex jinbnew il-filati pedament minhabba t-tqattieh zejjed plus li wehilt EUR326 tal-jiem zejda li qatta' l-bennej biex bena dan il-pedament zejjed fix-xita. B'kollox ghaldaqstant wehilt EUR6150.15 minhabba l-istruzzjonijiet tieghek li rrizultaw li ma kellhom jinghataw"* (fol. 9).